MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-22 ta' April, 2004

Talba Numru. 1508/2003

**Citadel Insurance Plc kif surrogata sia bil-polza u sia bil-ligi fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Carmel Fenech u l-istess Carmel Fenech**

**Vs**

**Alexander Attard**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' Lm315.27c (tlett mija u hmistax-il lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu) rapprezentanti danni subiti f'kollizjoni li grat bejn vettura ANN 458 misjuqa minn Doreen Fenech u EAD 514 misjuqa mill-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm315.27c (tlett mija u hmistax-il lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------